31977D0505

12.8.1977 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 206/11

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-25 ta'Lulju 1977

## li twaqqaf Kumitat Permanenti dwar iż-Żooteknika

(77/505/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-Deċiżjoni ppreżentat mill-Kummissjoni,

Billi huwa mixtieq li, għal każijiet fejn il-Kunsill jiddelega poteri lill-Kummissjoni fil-qasam żootekniku, għandu jitwaqqaf Kumitat, li jkun magħmul minn esperti mill-Istati Membri, biex jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u sabiex jagħmilha possibbli li din ta' l-aħħar tikkonsulta ma' esperti;

Billi, barra minn hekk, huwa mixtieq li dik il-kooperazzjoni għandha testendi għall-oqsma kollha koperti mir-regoli tal-Komunità dwar dawn il-kwistjonijiet; billi l-istess Kumitat għandu għalhekk jingħata l-poter li jikkonsidra kull kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' oqsma bħal dawn,

ADDOTTAW ID-DECIZJONI:

*Artikolu 1*

Permezz ta' din id-Deċiżjoni qiegħed jitwaqqaf Kumitat Permanenti dwar iż-Żooteknika (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"), li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala President.

*Artikolu 2*

Il-Kumitat għandu jwettaq id-dmirijiet delegati lilu bid-disposizzjonijiet adottati mill-Kunsill fil-qasam żootekniku, fil-każijiet u bil-kondizzjonijiet li hemm provdut dwarhom fl-istess.

Barra minn hekk, jista' jikkonsidra kull kwistjoni oħra li tinqala' f'dan il-qasam u li tiġi riferita lilu mill-President fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru.

*Artikolu 3*

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1977.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. SIMONET